MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru 1040/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Matthew Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Matthew Bugeja ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena, bin Joseph Bugeja u Anna neè Camilleri, imwieled Pietà fis-26 ta’ Lulju 1987 u residenti fil-fond Nru. 92, Maria Bambina, Triq Guzè Ellul Mercer, Dingli, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 339587(M), talli matul il-lejl bejn is-7 ta’ Ottubru 2012 u t-8 ta’ Ottubru 2012, gewwa San Giljan:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku,

waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorità kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi matul il-lejl volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 56 Jean Carl Grech, PC 340 Leeroy Balzan, PC 1468 Dirk Pace u PC 918 Clayton Azzopardi sabiex jingurjhom, idejjaqhom u jaghmlilhom hsara;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ PC 340 Leeroy Balzan u PC 1468 Dirk Pace f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PC 340 Leeroy Balzan u PC 1468 Dirk Pace, hekk kif iccertifikaw Dr. M. Cilia detentur ta’ Numru ta’ Registru Mediku 1749 u Dr. S. Reiss detentur ta’ Numru ta’ Registru Mediku 5365, rispettivament gewwa l-Isptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament ir-Rapport tal-Pulizija dwar l-incident li nqala’ matul il-lejl ta’ bejn is-7 ta’ Ottubru 2012 u t-8 ta’ Ottubru 2012 markat Dok. “DB1”, Dikjarazzjoni ta’ Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali markat Dok. “DB2”, stqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. “DB3”, estratt mic-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat markat Dok. “DB4”, il-fedina penali ta’ l-imputat Dok. “DB4”, certifikat mediku relattiv ghal Dirk Pace markat Dok. “DB5”, certifikat mediku relattiv ghal PC 340 Leeroy Balzan markat Dok. “DB6” u l-kunsens mahrug mill-Avukat Generali markat Dok. “DB7”;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja w in oltre li jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u anke l-fatt li huwa skuza ruhu mal-Pulizija ghal dak li gara. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi huma assorbiti fit-tieni akkuza. Madanakollu però hadet in konsiderazzjoni wkoll in-natura serja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront ta' l-imputat u tal-fatt li hawn si tratta ta' persuni, senjatament ta' Ufficjali tal-Pulizija, li kienu qed iwettqu d-doveri legittimi taghhom u li ma ghandhomx jigu ostakolati fil-funzjonijiet taghhom u/jew soggetti ghal vjolenza jew abbuz ghaliex qed itwettqu dawn id-doveri taghhom. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-imputat ghandu b'responsabilità jiffaccja l-konsegwenza ghall-agir inkonsult tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 95, 96, 214, 221, 338(dd), 338(ee) u 339(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija izda, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti tqis li hemm lok li t-terminu ta' prigunerija impost b'din is-sentenza jigi sospiz u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-

Ligijiet ta’ Malta tissosspendi l-imsemmi terminu ta’ hames (5) xhur prigunerija ghal sena (1) dekoribbli mill-llum.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------